# Eionet jgħaqqad

## Kondiviżjoni tal-informazzjoni ambjentali fl-Ewropa







L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent




# Werrej


L-oriġini ta' Eionet ........................................................3

L-evoluzzjoni u l-istruttura ta' Eionet .............................4

L-istruttura ta' Eionet ..................................................5

Eionet — storja ta' suċċess ..........................................8

Eionet — kooperazzjoni istituzzjonali ...........................9

Ilħna ta' Eionet ..........................................................10

Eionet — kontenut komuni.........................................11

Eionet — infrastruttura kondiviża ...............................12

Sistemi kondiviżi ta' informazzjoni ambjentali — SEIS ....13

Eionet jgħaqqad .........................................................14

Istituzzjonijiet tal-PFN...............................................15

# L-oriġini ta’ Eionet





## Il-missjoni ta’ Eionet

In-Netwerk Ewropew ta’ Informazzjoni u ta’ Osservazzjoni Ambjentali (Eionet) għandu l-għan li jipprovdi dejta, informazzjoni u kompetenza fil-ħin u ta’ kwalità garantita għall-valutazzjoni tal-qagħda tal-ambjent fl-Ewropa u tal-pressjonijiet li jagħfsu fuqu. Dan jippermetti li d-deċiżuri politiċi jiddeċiedu l-miżuri xierqa għall-protezzjoni tal-ambjent fuq il-livell nazzjonali u Ewropew u li tiġi sorveljata l-effikaċja tal-politiki u tal-miżuri eżistenti.

L-**Aġenzija Ewropea għall-Ambjent** (EEA) hija aġenzija tal-Unjoni Ewropea, li l-kompitu tagħha huwa li tipprovdi informazzjoni solida u indipendenti dwar l-ambjent. L-EEA hija sors ta’ informazzjoni importanti għal dawk involuti fl-iżvilupp, fl-adottar, fl-implimentazzjoni u fil-valutazzjoni tal-politika ambjentali kif ukoll għan-negozji u s-soċjetà ċivili.

**Eionet** huwa netwerk ta’ sħubija tal-EEA u tal-pajjiżi membri u tal-pajjiżi li jikkoperaw magħha. Jikkonsisti fl-EEA stess, għadd ta’ Ċentri Tematiċi Ewropej (ETCs) u netwerk ta’ madwar 1500 espert minn 39 pajjiż f’sa 400 korp nazzjonali li jittratta l-informazzjoni ambjentali. Dawn l-esperti jinħatru bħala Punti Fokali Nazzjonali (PFN) u Ċentri ta’ Referenza Nazzjonali (NRCs).

Permezz ta’ Eionet, l-EEA tiġbor flimkien l-informazzjoni ambjentali minn pajjiżi individwali li jikkonċentraw fuq il-forniment ta’ dejta fil-ħin, validata f’sens nazzjonali u ta’ kwalità għola. Dan l-għarfien jitqiegħed għad-dispożizzjoni b’mod wiesa’ mill-websajt tal-EEA u jifforma l-bażi kemm tal-valutazzjonijiet ambjentali tematiċi kif ukoll ta’ dawk integrati. Din l-informazzjoni sservi biex tappoġġja l-proċessi ta’ ġestjoni ambjentali, it-tfassil u l-valutazzjoni ta’ politiki ambjentali, kif ukoll il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-livelli nazzjonali, Ewropej u globali. Flimkien ma’ kummenti u informazzjoni li jkunu ġejjin mill-attivitajiet xjentifiċi taċ-ċittadini u għarfien minn inesperti, għarfien lokali u tradizzjonali, kif ukoll mill-komunità tan-negozji, din tipprovdi bażi ta’ provi b’saħħitha għad-deċiżuri u għall-parteċipazzjoni pubblika.



# L-evoluzzjoni u l-istruttura ta' Eionet





## Eionet kiber bħalma kibret l-EEA

Eionet ġie stabbilit fl-1994 skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 tas-7 ta' Mejju 1990 dwar l-istabbiliment tal-Aġenzija tal-Ambjent Ewropew. Eionet sar mudell għall-forniment ta' dejta, informazzjoni u valutazzjonijiet ta' kwalità għolja dwar il-qagħda tal-ambjent u tal-pressjonijiet u l-forzi xprunaturi li jolqtuh. Bħalma żdied in-numru tal-membri tal-EEA u l-pajjiżi li jikkooperaw, hekk ukoll kiber Eionet.



# L-istruttura ta' Eionet



## Ċentru Tematiku Ewropew (ETC)

Konsorzju ta' organizzazzjonijiet minn pajjiżi membri tal-EEA b'kompetenza f'qasam ambjentali speċifiku u kkuntrattat mill-EEA biex jappoġġja l-programm ta' ħidma tal-EEA.

L-ETCs huma ċentri ta' kompetenza tematika kkuntrattati mill-EEA biex iwettqu kompiti speċifiċi identifikati fl-istrateġija tal-EEA (programm ta' ħidma ta' ħames snin) u l-programmi ta' ħidma annwali. Jinħatru mill-Bord ta' Amministrazzjoni tal-EEA wara proċess ta' għażla kompetittiva fl-Ewropa kollha u jaħdmu bħala estensjonijiet tal-EEA f'oqsma tematiċi speċifiċi. Kull ETC jikkonsisti f'organizzazzjoni ewlenija u organizzazzjonijiet ta' sħab speċjalisti mill-komunità tar-riċerka u l-informazzjoni ambjentali, li jgħaqqdu r-riżorsi tagħhom fl-oqsma ta' kompetenza partikolari tagħhom.

L-ETCs, li jaħdmu flimkien mal-pajjiżi tal-Eionet, jiffaċilitaw il-forniment ta' dejta u informazzjoni mill-pajjiżi u jipprovdu rapporti u servizzi oħrajn lill-EEA u lill-Eionet.

Bħalissa (2012) hemm sitt ETCs:

- Mitigazzjoni tat-tniġġis tal-arja u tat-tibdil fil-klima (ETC/ACM)
- Impatti, vulnerabbiltà u adattament tat-tibdil fil-klima (ETC/CCA)
- Diversità bijoloġika (ETC/BD)
- Ilmijiet interni, kostali u tal-baħar (ETC/ICM)
- Informazzjoni u analiżi spazjali (ETC/SIA)
- Konsum u produzzjoni sostenibbli (ETC/SCP)

**Kompiti ta' Ċentru Tematiku Ewropew — eżempju l-bijodiversità**

L-ETC dwar id-Diversità Bijoloġika huwa konsorzju Ewropew ta' disa' organizzazzjonijiet li jaħdmu mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent taħt ftehim ta' qafas ta' sħubija b'kontribuzzjoni finanzjarja ulterjuri mill-Ministeru Franċiż inkarigat mill-ambjent. Jiġi koordinat mill-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Nazzjonali f'Pariġi permezz ta' 'tim ewlieni' ta' 12-il ruħ minn seba' pajjiżi Ewropej. Il-kompiti ewlenin tal-ETC/BD huma:

- Li jappoġġja l-ħidma ta' valutazzjoni tal-EEA bbażata fuq l-indikaturi billi jindirizza l-qagħda u x-xejriet tal-bijodiversità u l-ekosistemi fl-Ewropa
- Li jipprovdi informazzjoni relevanti b'appoġġ tal-implimentazzjoni ta' politiki dwar l-iżvilupp ambjentali u sostenibbli fl-Ewropa, b'mod partikolari għall-politiki u l-istrateġiji tal-UE dwar in-natura u l-bijodiversità u għall-Konvenzjoni ta' Bern
- Li jibni l-kapaċità għar-rapportar dwar il-bijodiversità fl-Ewropa, l-aktar permezz ta' Eionet
- Li jappoġġja l-EEA fl-iżvilupp taċ-Ċentru tad-Dejta tal-Bijodiversità Ewropew u l-portal Ewropew għall-Bijodiversità, BISE (Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Bijodiversità għall-Ewropa)

http://bd.eionet.europa.eu



# L-istruttura ta' Eionet



## Punt Fokali Nazzjonali (PFN)

Espert jew grupp ta' esperti f'organizzazzjoni ambjentali nazzjonali nominati u ffinanzjati mill-pajjiż u awtorizzati biex ikunu l-punt ta' kuntatt ewlieni għall-EEA, membri oħrajn tal-Eionet, u atturi relevanti. Il-PFN jikkoordina n-netwerk nazzjonali li jikkonsisti f'bosta Ċentri ta' Referenza Nazzjonali (NRCs) li jappoġġja l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-EEA.

Il-PFN huma l-punti ta' kuntatt ewlenin għall-EEA fil-pajjiżi membri u ta' kooperazzjoni. Huma inkarigati mill-kooperazzjoni mal-EEA u l-ETCs u jorganizzaw il-koordinazzjoni nazzjonali ta' attivitajiet relatati mal-istrateġija u l-programm ta' ħidma tal-EEA. Sabiex jippromwovu l-pubblikazzjonijiet ewlenin tal-EEA, bosta PFN jorganizzaw avvenimenti ta' tnedija u joħorġu stqarrijiet għall-istampa.

Il-metodi ta' ħidma tal-PFN ivarjaw minn pajjiż għal pajjiż. Dan parzjalment jirrifletti n-natura differenti tas-sistemi ambjentali nazzjonali li huma bbażati fihom. Pereżempju, uħud mill-PFN jinstabu f'aġenziji tal-ambjent, oħrajn huma parti mill-ministeru ambjentali; uħud jinstabu f'amministrazzjonijiet nazzjonali ċentralizzati, filwaqt li oħrajn joperaw f'sistemi deċentralizzati, xi kultant federali.

Barra dan, il-PFN jaġixxu bħala konsulenti għall-membri tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-EEA u jiżviluppaw kuntatti ma' netwerks rilevanti oħrajn.

### Ix-xogħol ta' PFN — l-eżempju tan-Norveġja

"Ġimgħa normali f'xogħoli bħala l-PFN għan-Norveġja tinkludi ħafna qari. Nirċievi, naqra, nikklassifika u ngħaddi bosta dokumenti mill-EEA u n-netwerk nazzjonali tal-Eionet: valutazzjonijiet, rapporti, dokumenti ta' politiki, reviżjonijiet, talbiet. Parti minn xogħoli hija li niżgura li l-persuni l-ġusti jirċievu informazzjoni importanti fil-ħin u li nsegwi u nfakkar lin-netwerk "tiegħi" rigward l-obbligi ta' rapportar u l-kontribuzzjoni fix-xogħol tal-EEA. Ir-rutini ta' xogħol ta' kuljum jinkludu l-kompiti li nżur il-forum tal-Eionet, nikkuntattja lill-NRCs jew lill-Punti Primarji ta' Kuntatt (PCPs), ngħaddi l-posta elettronika, stediniet u talbiet, inħejji l-laqgħat, nikteb kummenti u niżgura li l-proċessi varji li jkunu għaddejjin fl-EEA jiġu segwiti u appoġġjati min-netwerk Norveġiż. L-għan ewlieni hu li niżgura l-kontinwità tal-fluss bejn l-EEA u l-Eionet Norveġiż."



# L-istruttura ta' Eionet





## Ċentru ta' Referenza Nazzjonali (NRC)

Individwu jew grupp b'kompetenza relevanti f'organizzazzjoni ambjentali nazzjonali nominat u ffinanzjat mill-pajjiż biex jaħdem mal-EEA u l-ETCs relevanti f'oqsma ambjentali speċifiċi relatati mal-programm ta' ħidma tal-EEA.

L-NRCs jiġu nominati minn pajjiżi membri jew li jikkooperaw. L-NRCs huma stabbiliti f'oqsma ambjentali speċifiċi, pereżempju l-kwalità tal-arja, is-saħħa u l-ambjent, it-tibdil fil-klima, l-iskart, in-natura u l-bijodiversità, l-enerġija u ħafna aktar. Għandom rwol fundamentali fil-koordinazzjoni ta' dawn it-temi u fil-forniment ta' dejta u kompetenza relevanti. L-istruttura tal-NRCs tvarja skont ir-rekwiżiti u l-prijoritajiet tal-istrateġija multiannwali tal-EEA. Il-fokus tax-xogħol tal-NRCs ivarja skont it-tema partikolari li tkun qed tiġi indirizzata, iżda kollha kemm huma jappoġġjaw l-EEA bil-għan li tissodisfa l-programm ta' ħidma tagħha.

L-NRCs jinstabu f'organizzazzjonijiet li jiġbru jew jipprovdu dejta ambjentali b'mod regolari fil-livell nazzjonali u/jew li għandhom għarfien relevanti għarfien relevanti rigward bosta problemi, monitoraġġ jew immudellar tal-ambjent.




### Ħidma mal-NRCs — studju ta' każ

**L-iżvilupp tal-iskedi informattivi dwar il-politiki tal-użu effiċjenti ta' riżorsi**

Fir-rebbiegħa tal-2010, l-UE adottat strateġija ta' tkabbir "Ewropa 2020", fejn tagħżel l-użu effiċjenti ta' riżorsi bħala waħda mill-inizjattivi ewlenin tagħha.

B'antiċipazzjoni tal-ħtieġa li l-pajjiżi jwieġbu għal dan, l-EEA nediet stħarriġ tal-politiki u l-istrumenti dwar l-użu effiċjenti ta' riżorsi fil-pajjiżi tal-Eionet, b'żewġ għanijiet ewlenin:

- Biex jiġi appoġġjat it-tfassil tal-politiki billi titwessa' l-bażi tal-għarfien dwar l-użu effiċjenti ta' riżorsi permezz ta' ġbir, analizzar u tixrid tal-informazzjoni dwar l-esperjenzi nazzjonali bil-politiki ta' użu effiċjenti tar-riżorsi
- Biex tiġi faċilitata l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-prattiki tajbin fi ħdan l-Eionet.

F'Novembru 2010, l-NRCs għal Konsum u Produzzjoni u Użu ta' Riżorsi b'Mod Sostenibbli fil-pajjiżi tal-Eionet ġew mistiedna sabiex jipprovdu dettalji billi jużaw sett ta' mistoqsijiet standard.

Minkejja d-dati ta' skadenza qosra, il-maġġoranza tal-pajjiżi pprovdew kontribuzzjonijiet u r-rapport ġie ppubblikat f'Ottubru 2011. Minn dak in-nhar intuża minn dawk li jfasslu l-politiki fil-livelli nazzjonali u Ewropej.

Dan l-isforz konġunt tal-EEA/Eionet huwa biss eżempju wieħed ta' kif tista' tiġi pprovduta kontribuzzjoni f'waqtha fil-livell nazzjonali lil proċess fundamentali ta' politika Ewropea li jibni fuq is-saħħa u l-kompetenza magħqudin tan-netwerk.

Aktar informazzjoni dwar il-politiki tal-użu effiċjenti ta' riżorsi, inklużi l-31 profil dettaljat tal-pajjiżi, tinsab fuq il-websajt tal-EEA: http://www.eea.europa.eu/resource-efficiency

# Eionet — storja ta' suċċess





## Eionet — netwerk matur u flessibbli

Eionet beda jaħdem fl-1994 u llum sar fornitur tassew magħruf u affidabbli ta' dejta, informazzjoni u valutazzjonijiet ta' kwalità għolja għall-Ewropa.

Il-kunċett ta' Eionet jinkludi dawn l-elementi li jiddefinixxuh:

- **Kooperazzjoni istituzzjonali** b'saħħitha fuq bosta livelli (nazzjonali, reġjonali, Ewropej, internazzjonali) kif ukoll sħubijiet mas-soċjetà ċivili, faċilitati minn entità li tikkoordina
- **Kontenut komuni** (dejta, informazzjoni, indikaturi, analiżijiet) li sar qbil dwaru
- **Infrastrutturi kondiviżi**, standards u għodod



# Eionet — kooperazzjoni istituzzjonali





## Eionet — netwerk ta' nies

Kooperazzjoni istituzzjonali u l-impenn tal-individwi mill-istituzzjonijiet nazzjonali huma l-pedament ta' Eionet, li essenzjalment, huwa netwerk ta' nies.

Il-grupp tal-PFN/Eionet — li jikkonsisti f'PFN, maniġers tal-ETC, rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u persunal relevanti tal-EEA — jiltaqa' tliet darbiet fis-sena. Ir-riżultati ta' dawn id-diskussjonijiet jintużaw fil-laqgħat tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-EEA u b'dan il-mod jipprovdu appoġġ dirett għall-iżvilupp strateġiku tal-EEA.

Il-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni estensivi onlajn bejn l-EEA, l-ETCs u l-NRCs huma msejsa fuq workshops regolari tal-NRC fejn jiġu ppreżentati r-riżultati tal-attivitajiet tal-EEA/ETC, jinqasmu l-esperjenzi nazzjonali u tiġi diskussa d-direzzjoni għall-ġejjieni. Dawn il-workshops jgħinu biex jinżammu u jissaħħu kuntatti tajbin bejn l-EEA/ETCs u l-NRCs u bejn il-pajjiżi nfushom.

Il-pajjiżi bbenefikaw mill-qsim tal-pariri, l-kompetenzi u l-esperjenza fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet nazzjonali, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ġbir u l-ġestjoni tad-dejta u fil-produzzjoni u t-tixrid tal-informazzjoni u l-valutazzjonijiet relevanti għall-politiki.

Il-komunikazzjoni estensiva bejn l-NRCs u l-ETCs tejbu l-kwalità tad-dejta u l-informazzjoni fil-livelli nazzjonali u Ewropej u, għal bosta pajjiżi, għenet biex jissaħħu l-kapaċitajiet fis-sistemi ta' monitoraġġ u rapportar eżistenti. Għall-Istati Membri l-ġodda tal-UE, is-sħubija bikrija fl-EEA u l-Eionet kabbret il-profil tal-kwistjonijiet ambjentali u influwenzat in-natura u l-medda tas-sistemi nazzjonali ta' monitoraġġ u informazzjoni.

### Simplifikazzjoni tar-rapportar fl-Ewropa kollha

Id-dejta li l-pajjiżi għandhom l-obbligu jirraportaw fuq il-livell Ewropew tiġi miġbura u analizzata b'mod trasparenti mill-EEA u l-ETCs biex tingħata ħarsa ġenerali lejn l-ambjent tal-Ewropa. B'dan il-mod, isir possibbli li jitfasslu punti ta' riferiment tal-prestazzjoni ambjentali tal-pajjiżi wkoll. Barra dan, il-pajjiżi tal-Eionet jitħeġġu jiżviluppaw in-netwerks nazzjonali tagħhom b'modi li jiżguraw il-kompatibbiltà mar-rekwiżiti ta' rapportar internazzjonali u tal-UE.

# Ilħna ta' Eionet




*" Il-kooperazzjoni tan-Norveġja mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tgħinna nagħtu stampa aktar ċara tal-qagħda tal-ambjent fin-Norveġja u ta' kif dan kien jiżviluppa kieku konna qed nagħmlu dan waħedna."*

Johnny Auestad /
L-Aġenzija tan-Norveġja
għall-Klima u t-Tniġġis

*" L-aktar ħaġa importanti f'dan l-għarfien hija li dan huwa tradott fil-lingwa tal-politika ambjentali u li ma jintużax biss fuq il-livell Ewropew, iżda anki fuq il-livell nazzjonali."*

Liutauras Stoskus /
L-Aġenzija tal-Litwanja
għall-Protezzoni tal-Ambjent

*" Għalina, huwa ferm importanti li niżguraw aċċess għall-Eionet. Peress li m'aħniex Stat Membru tal-UE, dan kien punt ferm importanti. Għalfejn? Għaliex illum nistgħu naqsmu dejta komparabbli."*

Nicolas Perritaz /
Uffiċċju Federali tal-Isvizzera
għall-Ambjent

*" …l-għan ewlieni tagħna kien li nitgħallmu xi ħaġa mill-esperjenza Ewropea … u li dak nimplimentawh fuq il-livell nazzjonali …"*

Dejan Lekic /
L-Aġenzija tas-Serbja
għall-Protezzjoni tal-Ambjent

*" Ma nistgħux nibqgħu nimmaġinawna naħdmu biss fuq skala nazzjonali. Il-problemi ambjentali jridu jiġu indirizzati fuq il-livell Ewropew, jew fuq il-livell ogħla. Dak li jinteressana l-aktar dwar l-EEA huwa li essenzjalment, dan huwa lok ta' skambju, għarfien u informazzjoni"*

Jacques Thorette /
L-Awtorità Franċiża tal-Ambjent

*" …dan kollu joħloq bosta opportunitajiet għalina li nirreaġixxu għall-politika Ewropea, li ntejbu lilna nfusha, li naraw x'jagħmlu l-oħrajn u li nqabblu, u li nkunu ferm aktar attivi."*

Mata Aravantinou /
ex-Ministeru Grieg għall-Ambjent,
l-Ippjanar Fiżiku u x-Xogħlijiet
Pubbliċi

# Eionet — kontenut komuni





L-ittrattar tal-problemi ambjentali jeħtieġ approċċ Ewropew koordinat. L-Eionet kellu rwol importanti fil-kisba ta' livell ta' kooperazzjoni li huwa vitali għal dan l-isforz ibbażat fuq il-qsim ta' dejta u informazzjoni ambjentali fl-Ewropa kollha.

Sa minn kmieni, is-sħab tal-EEA u tal-Eionet identifikaw sett ta' flussi ta' dejta ta' prijorità. Sa fejn possibbli, fil-Eionet jintużaw id-dejta u l-informazzjoni li diġà qed jiġu rrapportati mill-pajjiżi fil-qafas tal-obbligi ta' rapportar internazzjonali jew tal-UE. Dan ifisser li d-dejta miġbura darba fil-livell nazzjonali tista' ssir aċċessibbli għal bosta riċevituri u użata għal bosta skopijiet fil-livelli nazzjonali, reġjonali u internazzjonali. Tippermetti anki lill-pajjiżi jiffokaw ir-riżorsi bil-għan li jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar legali u morali.

Id-dejta u l-informazzjoni maqsuma fl-Eionet jintużaw fl-analiżijiet u l-valutazzjonijiet tal-EEA fl-Ewropa kollha. Huma anki l-bażi tas-'sett ewlieni ta' indikaturi' tal-EEA.

L-EEA tipproduċi rapport dwar il-progress annwali ([1]) fuq il-prestazzjoni tal-pajjiżi (twaqqit, kompletezza, kwalità) fil-forniment ta' din id-dejta. Dan l-eżerċizzju huwa għodda utli fit-tfassil ta' punti ta' riferiment għall-prestazzjonijiet tal-pajjiżi u fl-inkoraġġiment lill-pajjiżi biex itejbu r-rispons tagħhom.

**L-Ambjent Ewropew: qagħda u previżjoni - valutazzjonijiet tal-pajjiżi**

Fis-snin riċenti, l-Eionet stabbilixxa proċess ta' valutazzjoni tal-pajjiżi, li huwa mibni fuq approċċ komuni iżda li jħaddan id-diversitajiet nazzjonali wkoll. F'dan ir-rigward, hemm l-opportunità li l-qarrej jiġi mgħarraf biċ-ċirkustanzi differenti li għandhom influwenza kbira fuq l-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri differenti, spiss addizzjonali, li l-pajjiżi jieħdu minbarra dawk li jimpenjaw ruħhom għalihom fil-leġiżlazzjoni Ewropea u l-ftehimiet ambjentali multilaterali. Il-kontribuzzjonijiet tal-valutazzjonijiet tal-pajjiżi huma kompletament ibbażati fuq l-internet. Ikopru diversi oqsma tematiċi u huma strutturati skont mistoqsijiet ta' gwida definiti sew.

SOER 2010 valutazzjonijiet tal-pajjiżi: http://www.eea.europa.eu/soer/countries

SOER 2010

([1]) http://www.eea.europa.eu/publications/eionet-priority-data-flows-may-2

# Eionet — infrastruttura kondiviża




Sa mill-bidu nett, l-EEA u l-Eionet sfruttaw l-aħħar żviluppi teknoloġiċi, billi użaw infrastrutturi u għodod miftuħin u trasparenti u billi stabbilixxew u ħaddmu standards komuni.

Il-pajjiżi tal-Eionet ilhom jużaw l-infrastruttura ta' rapportar Reportnet (2) għal aktar minn 10 snin biex jipprovdu dejta u informazzjoni fil-livell Ewropew u internazzjonali. Reportnet huwa sett ta' għodod u applikazzjonijiet bbażati fuq l-internet li jippermetti lill-pajjiżi jipprovdu dejta u informazzjoni. Is-sistema tintegra diversi servizzi fuq l-internet u tippermetti għal responsabbiltajiet distribwiti. Inizjalment, Reportnet intużat għas-simplifikazzjoni tar-rapportar tad-dejta u l-informazzjoni ambjentali lill-EEA u finalment lill-Kummissjoni Ewropea. Illum dawn il-forniment ta' dejta u informazzjoni lill-organizzazzjonijiet nazzjonali, reġjonali u internazzjonali huma aktar trasparenti. Illum uħud mill-pajjiżi jużaw Reportnet kważi għall-obbligi ta' rapportar reġjonali u internazzjonali kollha tagħhom inklużi dawk lill-korpi tan-NU.

**Reportnet**




(2) http://www.eionet.europa.eu/reportnet

# Sistemi kondiviżi ta' informazzjoni ambjentali — SEIS





Permezz tal-Eionet, il-pajjiżi membri u kooperattivi tal-EEA qed jaħdmu lejn ġejjieni ta' approċċ simplifikat u integrat tal-informazzjoni ambjentali fl-Ewropa.

Bl-użu esperjenzi ta' Eionet, ġie stabbilit il-kunċett tas-SEIS (Sistema kondiviża ta' informazzjoni ambjentali). Is-SEIS hija inizjattiva kollaborattiva tal-Kummissjoni Ewropea u tas-sħab tal-EEA u tal-Eionet. Għandha l-għan li tkompli ttejjeb il-ġbir, l-iskambju u l-użu tad-dejta u l-informazzjoni ambjentali fl-Ewropa kollha u li toħloq sistema ta' informazzjoni ambjentali deċentralizzata, iżda integrata, li taħdem fuq l-internet, interoperabbli u li tintuża fl-Ewropa sħiħa billi tissimplifika u timmodernizza sistemi u proċessi eżistenti. Is-SEIS hija bbażata fuq sett ta' prinċipji li huma l-bażi ta' ħafna mill-proċessi tal-EEA/Eionet.

**SEIS fil-prattika — eżempju ta' Eye on Earth (3)**

Eżempju wieħed tal-implimentazzjoni tal-prinċipji tas-SEIS huwa l-iżvilupp ta' Eye on Earth, 'servizz ta' informazzjoni globali u pubbliku' għall-ħolqien u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni. Fil-ġejjieni, Eionet ser juża s-servizz Eye on Earth biex jappoġġja r-rwol tiegħu li qed jespandi bħala aġenti ta' bidla li tiffaċilita l-qsim tal-informazzjoni, u biex isaħħaħ l-effikaċja u l-effiċjenza tiegħu fil-ġbir u l-forniment ta' informazzjoni ambjentali.

**Il-prinċipji ta' SEIS fil-prattika**

1. Ġestjoni tal-informazzjoni qrib is-sors kemm possibbli
2. Ġbir ta' darba tal-informazzjoni u qsim u użu spissi
3. Għajnuna lill-awtoritajiet pubbliċi bl-obbligi ta' rapportar legali tagħhom
4. Għajnuna lill-awtoritajiet pubbliċi fil-valutazzjoni tal-qagħda tal-ambjent u l-effettività tal-politika ambjentali, u fit-tfassil ta' politika ambjentali ġdida, jekk din tkun meħtieġa
5. Għajnuna biex isir tqabbil ġeografiku tal-ambjent
6. Għajnuna liċ-ċittadini biex jieħdu sehem fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika ambjentali, filwaqt li l-informazzjoni ssir aċċessibbli għalihom bis-sħiħ
7. L-użu ta' standards miftuħin.

(3) http://eyeonearth.org

# Eionet jgħaqqad



L-appoġġ tal-valutazzjoni u l-iżvilupp tal-politika ambjentali permezz ta' sħubijiet u informazzjoni maqsuma, bħall-eżempju mogħti minn Eionet, huwa mudell li jirnexxi li jista' jiġi esportat lil partijiet oħra tad-dinja u jgħin fil-konnessjoni tagħhom.

Governanza ambjentali effikaċi fil-livelli kollha hija kruċjali għas-sejbiet ta' soluzzjonijiet għat-theddid ambjentali f'dinja globalizzata ta' nazzjonijiet, ekonomiji u persuni interkonnessi.

Parti essenzjali mit-titjib fil-governanza hija l-ħolqien ta' bażi ta' provi kredibbli, leġittima, relevanti u aċċessibbli biex jiġi żgurat li d-deċiżuri jkunu qed jibbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom fuq informazzjoni solida. Il-qsim ta' dejta u informazzjoni ambjentali fil-livelli nazzjonali, reġjonali u globali — imsejsa fuq l-istrutturi ta' netwerking bħal Eionet — huwa kruċjali għat-tisħiħ tal-interfaċċja tal-politika tax-xjenza.

**Eionet — mudell għal reġjuni oħrajn**

L-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) jipprovdi finanzjament għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-qraba fil-Lvant u n-Nofsinhar tagħha. L-ENPI huwa l-qafas għall-implimentazzjoni ta' sensiela ta' attivitajiet li għandhom l-għan li jsaħħu l-ġestjoni tal-monitoraġġ, id-dejta u l-informazzjoni ambjentali b'konformità mal-prinċipji tas-SEIS. Eionet huwa pedament indispensabbli fit-twettiq ta' din il-ħidma.

Eionet ġie identifikat ukoll bħala sies fit-twaqqif ta' SAON (Netwerks ta' Sostenn ta' Osservazzjoni tal-Artiku). L-għan ta' SAON huwa li jtejbu l-attivitajiet ta' osservazzjoni madwar l-Artiku billi jiffaċilita s-sħubiji u s-sinġeriji fost in-netwerks ta' osservazzjoni u dejta eżistenti u billi jippromwovi l-kondiviżjoni tad-dejta u l-informazzjoni.

Fil-kuntest globali, Eionet, bl-istruttura unika tiegħu ta' kooperazzjoni istituzzjonali, kontenut komuni u infrastrutturi tal-IT u għodod kondiviżi, tħaddem bħala kunċett biex jappoġġja l-isforzi tal-UNEP fl-istabbiliment ta' struttura ta' netwerking u pjattaforma bbażata fuq il-web biex tiġi faċilitata l-kondiviżjoni ta' dejta, informazzjoni u valutazzjonijiet.

# Istituzzjonijiet tal-PFN

| | |
|---|---|
| L-Albanija | Agency of Environment and Forestry (AEF) |
| L-Awstrija | Umweltbundesamt — *Environment Agency Austria* |
| Il-Belġju | Interregional Cell for the Environment (IRCEL-CELINE) |
| Il-Bożnja Ħerzegovina | Federal Ministry for Environment and Tourism of the Federation of Bosnia and Herzegovina |
| Il-Bulgarija | Executive Environment Agency (BEEA) |
| Il-Kroazja | Agencija za zaštitu okoliša — *Croatian Environment Agency (CEA)* |
| Ċipru | Ministry of Agriculture, Natural Resources and Environment |
| Ir-Repubblika Ċeka | CENIA, česká informační agentura životního prostředí<br>*CENIA, Czech Environmental Information Agency* |
| Id-Danimarka | Danish Nature Agency |
| L-Estonja | Keskkonnateabe Keskus (KTK) — *Estonian Environment Information Centre (EEIC)* |
| Il-Finlandja | Suomen ympäristökeskus (SYKE) — *Finnish Environment Institute (SYKE)* |
| Franza | Ministère de l'Ecologie, du Développement durable, des Transports et du Logement (MEDDTL) — *Ministry for Ecology, Sustainable Development, Transport and Housing* |
| Il-Ġermanja | Umweltbundesamt (UBA) — *Federal Environment Agency* |
| Il-Greċja | Υπουργείο Περιβάλλοντος, Ενέργειας και Κλιματικής Αλλαγής<br>— *Ministry for the Environment, Energy and Climate Change* |
| L-Ungerija | Ministry of Rural Development |
| L-Islanda | Environment Agency of Iceland |
| L-Irlanda | Environmental Protection Agency |
| L-Italja | Istituto Superiore per la Protezione e Ricerca Ambientale (ISPRA)<br>— *Institute for Environmental Protection and Research.* |
| Il-Kosovo skont il-UNSCR 1244/99 | Environmental Protection Agency |
| Il-Latvja | Latvijas Vides, ģeoloģijas un meteoroloģijas centrs (LVĢMC)<br>— *Latvian Environment, Geology and Meteorology Centre (LEGMC)* |
| Il-Liechtenstein | National Office for Forests, Nature and Land Management |
| Il-Litwanja | Environmental Protection Agency (EPA) |
| Il-Lussemburgu | Ministère du Développement durable et des Infrastructures — *Ministerium für nachhaltige Entwicklung und Infrastruktur* — *Ministry of Sustainable Development and Infrastructure* |
| Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja | Министерство за животна средина и просторно планирање, Македонски информативен центар за животна средина<br>— *Ministry of Environment and Physical Planning, Macedonian Environmental Information Center* |
| Malta | Malta Environment and Planning Authority |
| Il-Montenegro | Ministry of Sustainable Development and Tourism |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | Planbureau voor de Leefomgeving (PBL) — *PBL Netherlands Environmental Assessment Agency* |
| In-Norveġja | Klima- og forureiningsdirektoratet (Klif) — *Climate and Pollution Agency (Klif)* |
| Il-Polonja | Główny Inspektorat Ochrony Środowiska — *Chief Inspectorate for Environmental Protection* |
| Il-Portugall | Agência Portuguesa do Ambiente, I.P. (APA, I.P.) — *Portuguese Environment Agency* |
| Ir-Rumanija | Ministry of Environment and Forestry |
| Is-Serbja | Serbian Environmental Protection Agency (SEPA) |
| Ir-Repubblika Slovakka | Slovenská agentúra životného prostredia (SAŽP) — *Slovak Environmental Agency (SEA)* |
| Is-Slovenja | Agencija Republike Slovenije za okolje — *Slovenian Environment Agency* |
| Spanja | Ministerio de Agricultura, Alimentación y Medio Ambiente<br>— *Ministry of Agriculture, Food and Environment* |
| L-Isvezja | Naturvårdsverket — *Swedish Environmental Protection Agency* |
| L-Isvizzera | Bundesamt für Umwelt (BAFU) — Office fédéral de l'environnement (OFEV)<br>— Ufficio federale dell'ambiente (UFAM) — Federal Office for the Environment (FOEN) |
| It-Turkija | Çevre ve Şehircilik Bakanlığı— *Ministry of Environment and Urbanisation* |
| Ir-Renju Unit | Department for Environment, Food and Rural Affairs (Defra) |

TH-32-12-063-MT-C
doi:10.2800/99645
© EEA, 2012

ългария Belgique/België Bosna i Hercegovina Ceská republika Crna Gora/Црна Гора Danmark
eutschland Eesti Ελλάδα España France Hrvatska Ireland Ísland Italia Kosovo under UNSCR
244/99 Κύπρος Latvija Liechtenstein Lietuva Luxembourg Magyarország Malta Nederland Norg
sterreich Polska поранешна југословенска Република Македонија Portugal Romania Shqipe
ovenija Slovenská republika Србија Schweizerische Eidgenossenschaft/Confédération suisse/
onfederazione Svizzera/Confederaziun svizra Suomi/Finland Sverige Türkiye United Kingdom
ългария Belgique/België Bosna i Hercegovina Česká republika Crna Gora/Црна Гора Danmark
eutschland Eesti Ελλάδα España France Hrvatska Ireland Ísland Italia Kosovo under UNSCR
244/99 Κύπρος Latvija Liechtenstein Lietuva Luxembourg Magyarország Malta Nederland Norg
sterreich Polska поранешна југословенска Република Македонија Portugal Romania Shqipe
ovenija Slovenská republika Србија Schweizerische Eidgenossenschaft/Confédération suisse/

**Fejn tmur għal aktar informazzjoni**

**EEA:**
www.eea.europa.eu

**Lista ta NFPs u ETCs:**
eea.europa.eu/about-us/countries-and-eionet/list-of-members-of-the-nfp-eionet-group

**Infrastruttura ta' l-Eionet u għodda:**
www.eionet.europa.eu

**Ritratti:**
© Pawel Kazmierczyk;
pagna 4, dritt: © Pavel Ehrlich, CENIA

L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent
Kongens Nytorv 6
1050 Copenhagen K
Id-Danimarka

Tfn: +45 33 36 71 00
Fax: +45 33 36 71 99

Sit fuq l-Internet: www.eea.europa.eu
Mistoqsijiet: www.eea.europa.eu/enquiries

ISBN 978-92-9213-293-4

Publications Office

L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent